# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/17, it-Tnejn 14 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 17 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**ASSENTI**

Wistin Vella – Viċi-Sindku

Clayton Gauci - Kunsillier

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:50pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*17.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*17.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*17.4 Korrispondenza;*

*17.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*17.7 Rendikont tax-xogħlijiet relatati ma' proġetti kapitali;*

*17.8 Ħruġ ta' Sejħiet għall-offerti u bordijiet tal-evalwazzjoni;*

*17.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**17.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**17.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

17.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sindku informa dwar l-aħħar żvilluppi fil-proġett tal-mixtla f' Tal-Facciol u semma li kien inbeda x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ.

17.3.2 Issemma wkoll li beda u wasal biex jitlesta ix-xogħol fil-file-server room tal-uffiċċju.

17.3.3 Is-Sindku semma li dak in-nhar tal-ewwel ġabra tal-ħġieġ wara il-proċeduri il-ġodda tal-Wasteserv, il-Kunsill kien qabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill biex jagħmel ġabra oħra l-għada, is-Sibt biex jinġabar il-ħġieġ kollu li ma nġabarx il-Ġimgħa.

17.3.4 Nhar is-Sibt 19 ta' Settembru, l-ADI kienu se jagħmlu laqgħa pubblika dwar il-Wied tal-Ġnejna. Din il-laqgħa kienet ser issir fis-sala prinċipali tal-Kunsill bħala konsultazzjoni pubblika dwar il-Master Plans tal-Life Project.

17.3.5 Is-Sindku rrapporta li kien inħaraq parti mill-wied tal-Imselliet u li kellu jsir rapport lill-ERA dwar dan.

17.3.6 Is-Sindku informa kif ix-xogħol li kien qed isir minn Infrastructure Malta fi' Triq San Filippu kien twaqqaf mis-Superintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Qed isiru kuntatti mad-diversi entitajiet sabiex dan ix-xogħol jitkompla u jitlesta kemm jista' jkun malajr.

17.3.7 Is-Sindku informa li kien instab bennej li kien lest jirranġa il-faxxa t' isfel tal-faċċata tal-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill li kienet tmermret. Ix-xogħol għandu jsir fil-ġimgħat li ġejjin.

## 17.4 Korrispondenza

17.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu imwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

17.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mill-aġenżija FACES dwar il-bus-shelters tal-lokalita'. Dawn ġew diskussi wieħed wieħed mill-Kunsill u kien deċiż kif ġej:

| **Isem tat-Triq** | **Isem tal-Bus-Shelter** | **Deċiżjoni** |
|---|---|---|
| Triq Sir Temi Zammit | Temi | m' hemmx għalfejn isiru |
| Triq l-Imġarr | Ħżejjen | isir ġdid |
| Triq Għajn Tuffieħa | Skorba | jibqa tal-ġebel kif inhu |
| Triq Sir Harry Luke | Mrejnu | isir ġdid |
| Triq Sir Temi Zammit | Naħal | isiru ġodda it-tnejn |
| Triq Għajn Tuffieħa | Mixquqa | jitneħħa tal-ġebel u jsir ġdid |
| Triq Għajn Tuffieħa | Banjijiet | isir ġdid |
| Triq Sir Temi Zammit | Mrejnu | m' hemmx għalfejn isiru |
| Triq iż-Żebbiegħ | Fisher | jitneħħa tal-ġebel, isir ġdid u jitkabbar |

17.4.3 Ġiet diskussa talba biex issir kompetizzjoni tal-karozzi Hill-Climb fit-telgħa tal-Ġnejna f' Ottubru. Il-Kunsill qabel li din titħalla ssir basta jiġu mġarrsa ir-regolamenti li joħroġ il-Kunsill kif ukoll dawk relatati mat-tixrid tal-COVID-19 min-naħa tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

17.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-Kunsill kien irċieva 3 approvazzjoni ta' talbiet minn Trasport Malta.

17.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-posters li ser jittella dwar iz-zumba li ser issir fl-outdoor gym tal-housing estate. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ġie mifthiem ma' Ms Maroushka Falletta wara li din kienet ġiet avviċinata mill-Kunsilliera Tiziana Borg Busuttil. Is-sessjonijiet ser isiru fis-Sibtijiet tad-19 u 26 ta' Settembru u fit-3 u l-10 ta' Ottubru, fit-8:30am. Il-Kunsill qabel unanimament li parti mill-flus miġbura jingħata dħala donazzjoni għall-Pink October. Il-Kunsill qabel ukoll li ikun hemm ħlas ta' 5Euro mill-parteċipanti. Il-Kunsill ser itella' l-avviżi fuq il-paġna ta' facebook tiegħu.

## 17.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

17.5.1 Il-Kunsill iddiskuta diversi ismijiet tat-toroq ġodda fl-Imġarr. Dawn huma id-deċiżjonijiet li ġew maqbula b' mod unanimu u li ser jingħataw lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq għall-kunsiderazzjoni.

Proposta ta' isem tat-triq rurali : TREJQET GĦAJN QATTUS



Proposta ta' bdil fl-isem ta' TRIQ L-ARUNA biex tingħaqad ma' TRIQ L-AMAROZZ:



Proposta ta' isem ta' triq ġdida : TRIQ IL-LELLUX



Proposta ta’ isem ġdid ta’ triq bla isem : TRIQ IL-FELU (Pjanta)



Proposta ta’ isem ta’ triq ġdida li għad trid tinfetaħ : TRIQ ID-DAGHBIEN



Proposta ta’ isem ġdid ta’ sqaq : SQAQ SAN ISIDORU



17.5.2 Il-Kunsill semma wkoll li kien hemm diversi talbiet sabiex jinbdel l-isem ta' Wesgħat il-Ġublew u jinbidel f' Misraħ l-Assunta. Kien hemm qbil li dan għandu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

17.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 9/2020 li kienet tammonta għal €41,808.69.

17.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill.

**17.7 Rendikont ta' xogħolijiet tal-proġetti kapitali**

17.7.1 Is-Sindku kien ġa tkellem dwar dan waqt punt 17.3.

**17.8 Ħruġ ta' sejħiet ta' offerti u bordijiet tal-evalwazjoni**

17.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienu waslu biex jinħarġu is-sejħiet tal-offerti għat-tenders tal-Contracts Manager u tas-sinjali u tabelli tat-traffiku. Il-bordijiet tal-evalwazzjoni tagħhom għad iridu jiġu stabbiliti.

17.8.2 Kien hemm qbil ukoll li isiru il-preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-offerti tas-servizz tal-ġbir tal-iskart peress li dan il-kuntratt jgħalaq fi' Frar 2021, kif ukoll għall-bandli ġodda fi' Ġnien Skorba kif ukoll s-safety flooring għalihom. Dawn ser jiġu diskussi mal-perit tal-Kunsill.

**17.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa**

17.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 5 t' Ottubru 2020, fil-5:30pm.

17.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7:34pm.

**Paul Vella** — Sindku

**Cyprian Dalli** — Segretarju Eżekuttiv